# IL-QALB IMQADDSA TA’ ĠESÙ

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel.**
**Eż 34, 11-16**

Dan igħid Sidi l-Mulej: Ara, hawn jien, se nfittex in-ngħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom. Bħalma r-ragħaj jaħseb fil-merħla tiegħu meta jsib ruħu f’nofs in-ngħaġ tiegħu mxerrda, hekk naħseb jien fin-ngħaġ tiegħi, u nsalvahom minn kull fejn xterrdu fi żmien is-sħab u s-swied ta’ l-arju. Noħroġhom minn qalb il-popli, niġborhom mill-artijiet, u nġibhom lejn arthom. U nirgħahom fuq il-muntanji ta’ Israel, fil-widien u l-meddiet kollha ta’ l-art. Għad nirgħahom f’mergħat bnina, u fuq l-iġbla għolja ta’ Israel tkun il-mergħa tagħhom. Hemm jinxteħtu f’mergħa bnina, u jimirħu f’art tajba fuq il-muntanji ta’ Israel.
Jiena stess nirgħa n-ngħaġ tiegħi, u jiena mmiddhom - din kelma ta’ Sidi l-Mulej. Jiena nfittex il-mitlufin, inreġġa’ lura l-imxerrdin, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġruħin, u nqawwi l-morda. Inħares is-smien u l-qawwijin, u nirgħahom bil-ġustizzja.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 22**
**Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**

Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
F’mergħat kollhom ħdura jqegħedni,
ħdejn l-ilma fejn nistrieħ, jeħodni;
hu jrejjaqni.

**R/. Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**

Imexxini fit-triq tas-sewwa minħabba f’ismu.
Imqar jekk nimxi f’wied mudlam,
ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi.
Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek huma jwennsuni.

**R/. Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**

Int tħejji mejda għalija
quddiem l-għedewwa tiegħi;
biż-żejt tidlikli rasi
u l-kalċi tiegħi mfawwar.

**R/. Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**

Iva, it-tjieba u l-ħniena jimxu miegħi
il-jiem kollha ta’ ħajti;
u ngħammar f’dar il-Mulej
matul iż-żminijiet.

**R/. Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani.**
**Rum 5, 5-11**

Ħuti: It-tama ma tqarraqx bina, għaliex l-imħabba ta' Alla ssawbet fina permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.
Meta kien il-waqt, u aħna konna għadna bla saħħa, Kristu miet għal dawk li kienu bla Alla. Wieħed bilkemm imut għal bniedem ġust, għad li wieħed għandu mnejn jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed tajjeb. Iżda Alla wera mħabbtu lejna meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin. Mela kemm aktar issa li aħna ġġustifikati b'demmu nsalvaw permezz tiegħu mill-korla ta' Alla! Jekk meta konna għadna għedewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu, kemm aktar issa li aħna ħbieb miegħu insalvaw permezz tal-ħajja tiegħu! Mhux hekk biss, imma niftaħru wkoll f'Alla b'Sidna Ġesu' Kristu, li permezz tiegħu issa ksibna l-ħbiberija ma' Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Jiena r-ragħaj it-tajjeb, igħid il-Mulej,
jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi,
u n-ngħaġ tiegħi jagħarfu lili.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 15, 3-7**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qabad u qal din il-parabbola lill-Fariżej u lill kittieba: "Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha? U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh, imur id-dar, isejjaħ għandu l-ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi, għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli.' ''
Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma jkollhomx bżonn indiema.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**